DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/689

tas-16 ta' Jannar 2019

dwar proġett pilota biex jiġu implimentati ċerti dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("l-IMI") stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 hija applikazzjoni tas-software aċċessibbli permezz tal-Internet u ġiet żviluppata mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, sabiex tgħin lill-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti relatati mal-iskambju ta' informazzjoni stabbiliti fl-atti tal-Unjoni billi tipprovdi mekkaniżmu ċentrali ta' komunikazzjoni biex jiffaċilita l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni u assistenza reċiproka.

(2) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 jippermetti lill-Kummissjoni twettaq proġetti pilota biex tivvaluta jekk l-IMI tkunx strument effettiv fl-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva fir-rigward ta' atti tal-Unjoni li mhumiex elenkati fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE ([2]) tipprevedi l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri b'rabta mal-kontrolli fuq l-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar. Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-iskambju sistematiku ta' ċerta informazzjoni b'mezzi elettroniċi. Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2019/686 ([3]) li jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-iskambju sistematiku ta' informazzjoni marbuta mat-trasferiment ta' armi tan-nar fl-Unjoni. L-IMI tista' tkun għodda effettiva fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament Delegat. Għaldaqstant, dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkunu s-suġġett ta' proġett pilota skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

(4) Jenħtieġ li l-IMI tipprovdi l-funzjonalità teknika li tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 91/477/KEE jissodisfaw l-obbligi kollha tagħhom stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 u 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/686.

(5) F'dak li għandu x'jaqsam mal-informazzjoni u mad-dokumenti li jkun fihom *data* personali trażmessa jew imtella' bħala parti mill-proġett pilota, id-data li trid titqies bħala l-għeluq formali tal-proċedura ta' kooperazzjoni amministrattiva jenħtieġ li tiġi stabbilita b'mod ċar biex jiġi żgurat li d-*data* personali tiġi bblukkata u titneħħa malli ma tibqax aktar meħtieġa għall-finijiet li għalihom tkun ġiet miġbura. Id-data li trid titqies bħala l-għeluq formali jenħtieġ li tkun id-data ta' skadenza tad-dokument ta' kunsens minn qabel rilevanti, l-awtorizzazzjoni tat-trasferiment jew id-dokument ta' akkumpanjament, kif trażmessi mill-awtorità kompetenti.

(6) B'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012, il-Kummissjoni trid tippreżenta evalwazzjoni tal-eżitu tal-proġett pilota lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Huwa xieraq li tiġi speċifikata d-data sa meta trid tagħmel dan.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51).
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/686 tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-arranġamenti ddettaljati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE għall-iskambju sistematiku, b'mezzi elettroniċi, tal-informazzjoni dwar it-trasferiment tal-armi tan-nar fl-Unjoni (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjal).

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proġett pilota

Il-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 91/477/KEE, sakemm l-iskambju tal-informazzjoni msemmi f'dawk il-paragrafi jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2019/686, għandhom jiġu soġġetti għal proġett pilota biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti f'dawk il-paragrafi, kif spjegat aktar fid-dettall f'dak ir-Regolament Delegat, permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("l-IMI").

Artikolu 2

Awtoritajiet kompetenti

Għall-finijiet tal-proġett pilota, l-awtoritajiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 91/477/KEE għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 3

Kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti

1. Għall-finijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva spjegata fid-dettall fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/686, l-IMI għandha tipprovdi funzjonalità ta' notifika biex jittellgħu id-dokumenti u biex tiġi trażmessa l-informazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.

2. Għall-finijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva spjegata fid-dettall fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/686, l-IMI għandha tipprovdi repożitorju għall-ħżin u l-qsim tal-listi tal-armi tan-nar imsemmija f'dak l-Artikolu.

3. Għall-finijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva spjegata fid-dettall fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/686, l-IMI għandha tipprovdi funzjonalità ta' notifika biex jittellgħu id-dokumenti u biex tiġi trażmessa l-informazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.

Artikolu 4

Għeluq formali tal-proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva

Għall-finijiet ta' blukkar u tħassir ta' *data* personali skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012, id-data ta' skadenza trażmessa skont l-Artikolu 4(1)(e) jew, kif applikabbli, l-Artikolu 6(1)(g) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/686 għandha titqies bħala d-data tal-għeluq formali tal-proċedura ta' kooperazzjoni amministrattiva inkwistjoni.

Artikolu 5

Monitoraġġ u rapportar

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri bi statistika u b'informazzjoni dwar l-użu tal-IMI u t-tħaddim tal-proġett pilota. Dan ir-rappurtar ma għandux jinkludi statistika dwar l-għadd u l-kategoriji ta' armi tan-nar ittrasferiti bejn l-Istati Membri.

Artikolu 6

Evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-eżitu tal-proġett pilota msemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2022.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER